MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 35**

**L-Erbgħa, 15 ta' Lulju 2026**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar il-Erbgħa, 15 ta' Lulju 2026 fis-6:00 ta filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Thomas Mizzi – Sindku
Is-Sinjura Ivana Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Joseph Mercieca – Kunsillier
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmelo Micallef – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**

Is-Sindku s-Sur Thomas Mizzi ippresjeda l-laqgħa.

**35.1 Talba;**

35.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-06:00 ta filgħaxija, bi qbil unanimu bejn il-membri intqagħlet it-talba tal-bidu.

**35.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

35.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill membri li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT35.10, Għawdex*
*Tel: 25558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

**35.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

35.3.1 Il-minuti tal-laqgħa bin-numru 34 ġew ċirkulati u moqrija.

35.3.2 Is-sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezjonjijiet għall-minuti.

35.3.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**35.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

35.4.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 27/2026 għall-perjodi bejn it-18 ta' Ġunju u il-15 ta' Lulju 2026 li tammonta għal €22,323.56 ġiet approvata u iffirmata.

**35.5 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

35.5.1 Is-Sindku, is-Sur Thomas Mizzi, informa lil membri li l-punti tiegħu għal din il-laqgħa huma dwar punti li huma fl-Aġenda.

**35.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;**

35.6.1 Il-Viċi Sindku, is-sinjura Ivana Mizzi qajmet punt fuq l-indafa ta Triq tal-Għajn u il-ħmieġ tal-klieb f'din it-triq. Is-Segretarju infurrmat lill membri li kien qed ikun hemm ħafna ilmenti fuq dan il-punt. Irrizulta li wara ħafna ilmenti mill-ufficċju tal-Kunsill il-persuna li kienet responsabli minn din it-triq inbidlet u fil-prezent qed issir evalwazzjoni dwar is-sitwazzjoni b'rizultat ta dan il bdil.

35.6.1.2 Il-Viċi ġibedet l-attenżjoni dwar bozza li qed itteptep mal-aħħar binja fi Triq tal-Għajn qabel iddur għal Triq il-Qalb ta' Ġesu. U bozza oħra quddiem tal-ħaxix li ġieli tkun mixgħula u ġieli mitfija.

**35.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti u materji oħra;**

35.7.1 Is-Segretarju infurmat lil membri dwar il-korrespondenza li ntbgħatet fosthom dik dwar il-Gozo Forun, li reġat bdiet is-sejħa tal-korsijiet tal-Life Long Learning u dwar iċ-Ċirkulari li minn issa il quddiem mhux ser ikun hemm bzonn ta Bank Gurantee meta l-kunsill jagħmel xi event.



KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

35.7.2 Is-Segretarju infurmat lill membri li matul din il-ġimgħa kien hemm 4 Parlimentary Questions u tat informazzjoni ta xi informazzjoni kienet mitluba. Il-Viċi Sindku talbet biex tkun taf minn għamel dawn il-mistoqsijiet, peress li kien hemm problema ta aċċess għal-email, is-Segretarju talbet biex tkun tista tibgħat kopji ta dawn il-PQs permezz ta email.

35.7.3 Is-Segretarju infurmat lil membri li kien hemm talba biex issir 1 meter ma garaxx fi Triq L-Isptar San Ġiljan. Din it-talba saret għal naħħa waħda biss peress li t-rriq hi 1(one) way. Il-membri ma sabu l-ebda oġġezzjoni.

35.7.4 Is-Segretarju infurmat lill-membri li wara li ġew ikkonfermat l- Audit beda b'mod immedjat il-proċess ta Quarter 1 u Quarter 2 reports. Dawn waslu ilbeiraħ u għalhekk ma kienux fuq l-Aġenda. Ingħata ħin biex dawn jinqraw mill-membri u jsiru xi mistoqsijiet li seta kien hemm. Ma kien hemm l-edba mistoqsija, is-Sindku spjega xi punti u r-rapporti ġew approvati mill membri, wara ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

35.7.5 Is-Segretarju infurmat lill membri li rċivejna korrispondenza mill-Kummissjoni Zgħazagħ Fontana fejn saret talba biex tintuza l-Community Van tal-Kunsill għas-servizz ta Park & Ride waqt l-attivita tal-Wine Festival. Is-Segretarju fakret lil membri dwar deċizjoniniejt li kien meħdua bħala kunsill fuq l-uzu tal-Comunity Van. Saret diskussjoni fuq dan il-punt u ġie deċiz li din is-sena nerġaw nikru van biex tagħmel dawn it-trips, b'differenza din is-sena tinkera van waħda mhux tnejn.

35.7.6 Is-Segretarju resqet ukoll korrispondenza oħra mill-Kummisjoni dwar l-intenzjoni tagħhom li jagħmlu *Vintage Car Show* fi Triq ta'Mulejja, hum talbu informazzjoni dwar permessi meħtieġa u kif l-aħjar li ssir biex jinħoloq l-anqas inkonvenjent għar-residenti ta dawn l-akwati. L-informazzjoni inghatat u l-Kummissjoni ser tkun qed tinfurmana bid-dati wara li tiġi diskussa bejnithom.

35.7.7 Is-Segretarju ifurmat lil membri li l-plakka bl-isem tat-Triq Mons F. Buttiġieġ tinsab fl-istores tagħna wara li l-Handyman tagħna ġibed l-attenzjoni li d-dar li magħha kien hemm din il-plakka kien ser titwaqqa daqt. Wara li sirna nafu minn hu responsabli tal-binja, is-Segretarju għamlet kuntatt miegħu biex issir arranġament biex din tinqala u biex wara li jsir il-bini terġa titwaħħal, il-qbil stabilit kien biex il-ħaddiem tal-kunsill jkun jista jaqla din il-plakka.

35.7.8 Is-Segretarju ippreżentat din il-lista ta korrispondenza li ġew iċċirkulati mill-aħħar laqgħa sad-data ta din il-laqgħa :

| Date sent | From | Title |
|---|---|---|
| 6/18/2026 | Reġjun Għawdex | Applikazzjonijiet tal-Permessi |
| 6/18/2026 | AKL | The correct use of Plant Protection Products in public spaces. |
| 6/20/2026 | AKL | Circular AKL 2026/049_Ai for All in Local Councils. |
| 6/20/2026 | Gozo High Speed | All Aboard to Gozo: New Routes Unveiled |
| 6/22/2026 | AKL | Cir AKL 2026/043_Laqgħa Plenarja 2026 |
| 6/23/2026 | Reġjun Għawdex | 4th Edition of the Summer Camp for Ukrainian Youths in Gozo - Solidarity Project |
| 6/24/2026 | Foundation Robert Schuman | Europeans caught between trust and the need for protection: the paradox of a Union that is "necessary but distant" |
| 6/25/2026 | AKL | Cir AKL 2026/050_Request to circulate information to all staff working in local councils |
| 6/26/2026 | Mireille Camilleri | Invitation \| Gozo Forum 2026: The Time We Spend Together [4th July] |
| 6/27/2026 | DLG | DLE Circular No 04 - Prospectus - Life Long Learning |
| 7/2/2026 | Foundation Robert Schuman | Europe must finance its Power |
| 7/2/2026 | Reġjun Għawdex | Applikazzjonijiet tal-Permessi |
| 7/2/2026 | EUI-URBACT | Urban Newsletter – Vol. 3/2026 |
| 7/2/2026 | Esplora | Tnedija ta' l-iSTEAM Engagement Community Fund 2026 \| Launch of STEAM Engagement Community Fund 2026. |
| 7/3/2026 | AKL | Ċirkulari AKL 2026/051 FW: Tnedija ta' l-iSTEAM Engagement Community Fund 2026 \| Launch of STEAM Engagement Community Fund 2026. |
| 7/4/2026 | AKL | Ċirkulari AKL 2026/021_Arranġament dwar ħlasijiet lill-Pulizija u garanzija bankarja għal attivitajiet esterni. |
| 7/4/2026 | EUPA | Erasmus+ and European Solidarity Corps Round 2 / October 2026 Calls Information Sessions |
| 7/6/2026 | AKL | Cir AKL 2026/021_Arranġament dwar ħlasijiet lill-Pulizija u garanzija bankarja għal attivitajiet esterni |
| 7/6/2026 | Reġjun Għawdex | Wildlife signs to avoid road kill |
| 7/6/2026 | MWBA | Collaboration Opportunity – MWBA Outreach Project |
| 7/8/2026 | AKL | Cir AKL 2026/052_Well Being Project: LCA |

KUNSILL LOKALI FONTANA

| | | |
|---|---|---|
| 7/13/2026 | AKL | Circular AKL 2026/049_Ai for All in Local Councils. |
| 7/14/2026 | Sliema LC | Sliema Arts Festival 2026 Returns with a Celebration of Creativity – BY HUMANS. FOR HUMANS. |
| 7/14/2026 | Happy Parenting Malta | Rockin Xpress Concerts |
| 7/14/2026 | PQ | PQ 1237 - KUNSILLI LOKALI – IMPJEGATI – KORS TAL-MENTAL HEALTH FIRST AID |
| 7/14/2026 | PQ | PQ 1238 - KUNSILLI LOKALI – ĦADDIEMA BI BŻONNIJIET SPEĊJALI |
| 7/14/2026 | PQ | PQ 1239 - KAROZZI ELETTRIĊI – PARKEĠĠI RISERVATI |
| 7/14/2026 | PQ | PQ 1466 - KNEJJES U KAPPELLI – XOGĦOL TA' RESTAWR |
| | | **Talbiet/Ilmenti** |
| 6/19/2026 | | Ilment mingħand diversi residenti dwar vetturi li qed jinżlu minn Triq tal-Għajn One Way |
| 6/22/2026 | | Ilment dwar ħmieġ tal-klieb li qed jiżdied fi Triq Mons. Mikiel Buttigieg |
| 7/4/2026 | | Ilment dwar skart maħruġ fi ġranet mhux skond l-iskeda fi Triq l-Isptar San Ġiljan |
| 7/13/2026 | Marla Sammut | Talba sabiex isir One Meter Double Yellow line mal-garage, 78/79 Sacred Heart, Triq l-Isptar San Ġiljan, fuq naħħa waħda biss. |

**35.8 Attivitajiet fil-ġimgħat li ġejjin;**

35.8.1 Is-Sindku fakkar lil membri li fil-prezent qed nipreparaw l-applikazzjoni ta Autumn Funland. Il-kitba tlestiet u issa qed nistennew mingħand il-kunsillier Joseph Mercieca l-ispejjez li ser jkun hemm bzon. Hekk kif dawn jaslu tkun tista tiġi sottomessa din l-applikazzjoni. Skond ir-regoli din trid issir minn tal-anqas 3 xhur qabel tittella l-attivita.

**35.9 Aġġornament tal-proġetti;**

35.9.1 B' referenza ghall iskema SPI/SCI/05/20206 is-Sindku informa lil membri li l- istima ta Triq L-Isptar San Giljan għada ma ġietx mibghuta mingħand Galea Cunni. Wara diskussjoni fuq dan il-punt ġie deċiz li jekk din taqbez is- somma allokata għal din l-iskema, napplikaw biss għal fanali ta Ttriq il- Kappillan Hili u il-kunsill jkollu I-ispiza ta madwar €9,404.90.

35.9.2 Is-Sindku informa lil membri li l-kuntrattu tal-Proġett ta Taħt ir-Railing suppost ġej ikompli l-aħħar fazi – it-twaħħil tal-madum.. Is-Sindku

informa ukoll li reġa ġie ikkuntjattat l-persuna li ser jiksi il-ħitan ta dan il-proġett biex ikun preparat li jibda ix-xogħol. Sar kuntatt ukoll mas-supplier tar-railing tat-taraġ sabiex dan ukoll jibda dan ix-xogol mill-aktar fiss.

35.9.3 Is-Sindku għamel referenza dwar l-iskema SPI/SCI/4/2023 dwar il-proġett tac-CCTV cameras. Fil-prezent għada ma nstabitx sulozzjoni, dwar l-camera li tinsab fi Triq il-Qalb ta Gesu. Fil-prezent hemm l-għazlu li jew issir relocation jew tiġi ikumlikata mad-dawl permezz ta meter. Saru xi mistoqsijiet dwar din is-sitwazzjoni u wara diskussjoni fit-tul ġie deċiz li nkellmu lil Inġinir tal-proġett u nagħmlu meeting mas-supplier u l-Inġinir biex insibu soluzzjoni u nkunu nistaw nagħlqu l-proġett.

**35.10 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss;**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-08:15 ta' filgħaxija. Ġie deċiż il-laqgħa li jmiss tkun nhar it-Tlieta 11 ta' Awwissu fis-06:00 p.m.

Konfermati, llum, it-Tlieta, 11 ta' Awwissu, 2026.

| | |
|---|---|
| Thomas Mizzi | Loretta Cauchi |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA